MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Numru 479/2013

Il-Pulizija

(Spett Carol Fabri)

vs

Albert Falzon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' numru 256375m akkuzat talli fis-7 ta' April 2012 f'dawn il-Gzejjer ghal habta tal-10.00am kif wkoll fil-granet u xhur ta' qabel din id-data:

1. iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
2. bil-qerq holoq jew geghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jisewew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija u ta tgharif falz, u dan ghad-dannu tal-korp tal-Pulizija kif ukoll ghal-kummpanija tal-assikurazzjoni Allcare Insurance;

Akkuzat ukoll talli fil-15 ta' Marzu u fil-granet u xhur ta' wara f'dawn il-Gzejjer:

4. bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu minn ismijiet foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi haga kimerika, jew sabiex jaghmel qligh hi hsara ta' aktar minn 2329.37 Euro ghad-dannu tal-kumpanija assikuratrici Allcare Insurance, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
5. ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna u cioe' lill-kumpanija tal-assikurazzjoni Allcare Insurance;
6. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qlieh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hinn jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi hemm indikati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti dwar htija jew nuqqas taghha fl-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat fis-sena 2012 kellu kuntratt mas-socjeta' Melita p.l.c li permezz ta' trakk taghhom jsuqu ghall-posijiet li jkunu lilu indikati mis-socjeta' u jhallih ghad-disposizzjoni ta' impiegati tal-istess socjeta' ghar-reklamar u bejgh ta' prodotti taghha, senjatament telefons cellulari u materjal ancillari. Il-kuntratt kien jispecifika li r-responsabilita' tat-trakk inkluz li jinzamm fi stat tajjeb kien tal-imputat li kien obbligat jigbru mill-post fejn jkun ddepositah wara li s-socjeta tkun temmet l-uzu tieghu ghal dik il-gurnata. Meta ma kienx jintuza mis-socjeta' l-imputat kien ihallih ggaraxjat ghandu.

Illi, mill-provi jirrisulta li fil-jum tal-10 ta' Marzu 2012 l-imputat inghata struzzjonijiet mis-socjeta' sabiex jiehu t-trakk Marsaxlokk u jhallih ghad-disposizzjoni tas-socjeta'. L-imputat hekk ghamel u

ghal circa s-sitta neqsin kwart ta' filghodu halla t-trakk fejn kien gie lilu indikat f'Marsaxlokk . Ghaddew xi granet, wara li kien gabru u poggih fil-garaxx, li nduna illi kellu xi affarjiet personali tieghu li ma kienx sabhom. Ghamel rapport mas-socjeta' assikurattrici li maghha l-oggetti kienu assikurati. Din qatlu li qabel ma tipprocessa t-talba ghall-indenizz kien hemm htiega li l-imputat jforni certi dokumenti fosthom ir-rapport lill-pulizija. Skond id-dokument relattiv esebit fl-atti r-rapport lill-pulizija jgib id-data tas-7 ta' April 2012. Mill-'audit trail' tal-investigazzjoni minn naha tal-pulizija (wkoll esebit in atti) hemm indikat a pagna 15 li permezz ta' e-mail datata 5 ta' l-istess sena l-imputat kien informa' lill-assikurazzjoni tieghu li l-oggetti kien sabhom proprju fil-garaxx tieghu fejn kien jiddeposita t-trakk. Fuq daqshekk l-pulizija kienet tal-fehma li r-rapport li l-imputat kien ghamel jew allegatament ghamel fis-7 ta' April kien falz. Minn hawn jiskaturixxu l-imputazjonijiet mahruga kontra l-imputat.

Fir-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali jakkuzah b' rapport falz, falsifikazzjoni, dikjarazzjoni falza, attentat ta' truffa u frodi kontra l-assikurazzjoni.

M' ghandux ikun hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-imputat ghamel it-talba formali lill-assikurazzjoni tieghu – Allcare Insurance Agency Ltd – fil-15 ta' Marzu 2012 rigwardanti t-telf ta' ekwipaggament elettroniku u fotografiku li l-imputat sostna gie mankanti mit-trukk in kwistjoni (riferut aktar l-fuq) fl-10 ta' Marzu 2012 (fol 67). Mid-dokumenti in atti jirrizulta li l-imputat pero' kien gja avza lis-socjeta assikurattrici dwar dan it-telf fit-12 ta' Marzu tal-istess sena. Jidher li f'xi zmien wara l-imputat kien sab dawn l-affarijiet li haseb li kienu naqsulu u fil-5 ta' April kien informa b'dan lis-socjeta assikurattrici (vide email relattiva tal-5 ta' April 2012 – folio 94). Dan il-fatt jinsab konfermat fl-"audit trail" (ara l-ahhar dok fil-process), b'daqstant li l-Qorti sejra tinjora dak li xehed ir-rappresentant tal-assikurazzjoni a fol 56 et seq li din ma gietx a konjizzjoni tas-socjeta'.

Minn dak li nghad s'issa l-Qorti mhux qeghda tivvizwalizza r-reati indikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali dedotti minnu fl-Artikolu 188, 41 (1)(a), 308, 309, 310 (1)(a), 187 u 295.

Il-problematika tqum dwar ir-reati kontestati mill-Avukat Generali fil-konfront tal-Artikolu 110 (1) u (2) tal-Kap 9. Dan l-artikolu fiz-zewg incizi tieghu jghid kif isewgi;

1. Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel, meta jinsab hati, bhala xhud falz, bil-mod kif jinghad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu…
2. Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati l-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena…

L-ewwel subinciz ma japplikax. M'hemm xejn li juri li l-imputat holoq jew gieghel jidher xi fatt jew cirkostanza konsistenti f'provi foloz li bihom setghat tigi inkriminata persuna.

Dwar it-tieni subinciz li iddenunzja reat lill-Pulizija li kien jaf li ma sarx il-provi in atti juru li fis-17 ta' April 2012 l-imputat irraporta l-ghassa ta' Marsaxlokk it-telf ta' oggetti fotografici u ta' informatika mix-xatt ta' hemmhekk. Kien specifika, skond ir-rapport, li kien tilef l-oggetti minn got-truck tal-"Melita Mobile" u li kien qieghed jaghmel ir-rapport ghal finijiet tal-assikurazzjoni. Hawnhekk jirrizulta li l-imputat kien gja gharraf l-assikurazzjoni dwar dan it-telf liema assikurazzjoni esigit li jmur u jgib ir-rapport tal-pulizija. Kif inghad, jidher mid-dokumenti in atti li l-imputat ghamel ir-rapport fis-7 ta' April appena jumejn qabel li kien avza lis-socjeta assikurattrici li l-affarijiet kien sabhom u jidher ukoll li l-Pulizija imxew fuq dan ir-rapport tant li interrogaw xi impjegati tal-Melita. Fix-xhieda tieghu 'viva voce' l-imputat insista li r-rapport lill-Pulizija ghamlu fis-27 ta' Marzu, jigifieri ftit inqas minn gimghatejn qabel. Pero', irrispettivament x'sostna u x'insista fuqu l-imputat, 'scipta litera manet'. Fuq kollox hemm konferma ta' dan fix-xhieda. X' kien l-iskop tal-imputat jaghti lok ghal xi spekulazzjonijiet u kongetturi li pero' m'ghandhom l-ebda piz f'proceduri kriminali u bl-ebda mod ma jxelfu l-htija tal-imputat ghal din l-akkuza skond l-Artikolu 110 (2) tal-Kap 9.

Ghaldaqstant, issibu hati tat-tieni akkuza. Rat l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9. Tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tilliberah mill-bqija.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------